**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Ottubru 2023**

Rikors Numru: 260/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 85/2003)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet zzewgu f' Newry, Northern Ireland, United Kingdom, fit-3 ta' Settembru 2002, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 85 tas-sena 2003 (certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok.A)

2. Illi l-partijiet isseparaw minn ma xulxin permezz ta' kuntratt pubblikat min-Nutar Ian Castaldi Paris fis-7 ta' Jannar 2011 (kuntratt hawn anness bhala Dok B).

3. Illi ma kien hemm ebda ulied mill-imsemmi zwieg.

4. Illi hekk kif jirrizulta mill-artikolu tal-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet kienu rrinunzjaw f'mod definitiv milli jitolbu hlas ta' manteniment mingħand xulxin. Ghaldaqstant ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment li jistghu ikunu dovuti lill-intimata.

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, li issa ilhom separati formalment minn ma' xulxin sa mis-sena 2011. L-intimata C D fil-fatt kienet ilha sa minn qabel l-iffirmar tal-kuntratt tasepazzjoni li rrilokat f'mod permanenti fl-Irlanda ta' Fuq, fejn ghadha tghix sal-gurnata ta' llum.

6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u għad-divorzju tal- partijiet.

7. Illi peress li l-intimata la titkellem u wisq anqas ma tifhem il-lingwa Maltija qieghdha tigi annessa verzjoni ta' dana r-rikors bil-lingwa Ingliza.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li z- zwieg tal-kontendenti huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal- ligi, u hekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun formalment registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat in-nota tal-intimata li permezz taghha tiddikjara li ma ssibx ebda oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju fil-procediment odjern ghal kull fini u effetti tal-ligi.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta’ Mejju 2023;

Rat in-nota tal-intimata li permezz taghha ddikjarat illi m’ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Jannar 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.